C/2026/3802

14.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Lulju 2026

dwar il-festi pubbliċi fl-2028 għall-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej fi Brussell u l-Lussemburgu

(C/2026/3802)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS, Conditions of Employment of Other Servants), stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Persunal u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS,

Wara li kkunsidrat ir-regolamentazzjoni komuni li tistabbilixxi l-lista ta' festi pubbliċi tal-uffiċjali tal-Komunità Ewropea [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3),

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS, ikun tajjeb li tiġi stabbilita l-lista tal-ġranet ta' btala għas-sena 2028 mogħtija lill-uffiċjali u lill-aġenti l-oħra impjegati fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Fl-2028, Ħadd il-Għid ġej fil-16 ta' April.

(3) Fl-2028, l-24 ta' Diċembru se jkun il-Ħamis.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-jiem ta' btala għas-sena 2028 mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fi Brussell u l-Lussemburgu, huma stabbiliti kif ġej:

It-13 ta' April	Ħamis ix-Xirka
L-14 ta' April	Il-Ġimgħa l-Kbira
Il-17 ta' April	It-Tnejn ta' wara l-Għid
L-1 ta' Mejju	Jum il-Ħaddiem
Id-9 ta' Mejju	L-Anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Robert Schuman fl-1950
Il-25 ta' Mejju	Il-Ħamis, nhar Lapsi
Is-26 ta' Mejju	L-għada ta' Lapsi
Il-5 ta' Ġunju	It-Tnejn, Għid il-Ħamsin

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.
[2] SEC(66) 3621, ELI:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:1966_0117_SEC_1966_3621_package.

It-23 ta' Ġunju*	Festa Nazzjonali tal-Lussemburgu *mogħtija lill-persunal fil-Lussemburgu
Il-21 ta' Lulju*	Festa Nazzjonali tal-Belġju *mogħtija lill-persunal fi Brussell
Il-15 ta' Awwissu	Jum l-Assunzjoni
L-1 ta' Novembru	Jum il-Qaddisin Kollha
It-2 ta' Novembru	Jum il-Mejtin kollha
25 ta' Diċembru sal- 29 ta' Diċembru	5 ijiem ta' tmiem is-sena
Total tal-2028:	**17-il jum**

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Piotr SERAFIN
Membru tal-Kummissjoni